Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 406/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Mejju, 2009 sal-31 ta' Mejju, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lill-martu Emanuela Cauchi u/jew lill-ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bill-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti, filli l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant.

Semghet ix-xhieda ta' Emanuela Cauchi mart l-appellant.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi l-principju regolatur hu li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkun tohrog mill-parametri tal-ligi u ma tkunx tidher manifestament eccessiva.

F' dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi li tippermetti sahansitra kundanna ta' detenzjoni ghall-periodu ta' xaharejn skond l-artikolu 12 (2) tal-Kodici Kriminali, kif emendat.

Illi din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tikkonferma sentenzi ohra tal-Ewwel Qorti fil0-konfront tal-appellant odjern li minnhom kien gie osservat illi meta l-Ewwel Qorti kienet erogat piena restrittiva tal-liberta', l-Ewwel Qorti

kienet qalet li kienet thossha kostretta li taghmel dan minhabba li din hija kawza ohra minn sensiela interminabbli ta' kawzi fl-istess ismijiet fuq l-istess mertu, (ara App. Krim. numri 62/09 u 87/09 fl-ismijiet : "**Il-Pulizija vs. Carmelo Cauchi"** [16.4.2009].) kif jidher ukoll mill-fedina penali aggornata tal-appellant

Illi milli jidher l-appellant ma tghallem xejn mill-esperjenza karcerarja tieghu f' okkazzjonijiet precedenti w baqa' jikkommetti l-istess reat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li rrizultaw xi cirkostanzi impellenti li jimmilitaw favur riduzzjoni fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------